**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 27/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Douglas Sammut**
**(ID 0466295(M))**

**Illum 28 ta' April 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Douglas Sammut** ta' 21 sena, bin Joseph u Ritienne xebba Aquilina, imwieled il-Pieta` nhar it-30 ta' Ottubru 1995, resident numru 111, Triq il-Marsa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0466295(M);

Akkużat talli nhar il-11 ta' Settembru 2017, għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21.30 hrs) ġewwa Triq il-Marsa, Marsa:

1. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni MAF-140 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni MAF-140 b'manjiera traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni MAF-140 mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji għal terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tiskwalifika lil Douglas Sammut milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2019, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u tal-provi prodotti, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet

miġjuba kontra tiegħu, iżda minkejja tali ammissjoni mhijiex issibu ħati tat-tieni u l-ħames imputazzjonijiet u dan għas-segwenti raġunijiet:

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis*.

Jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Elliott Magro f'dawn il-proċeduri, illi fil-jum in kwistjoni, il-pulizija waqqfu lill-imputat odjern in vista tas-sewqan tiegħu u fil-vettura misjuqa minnhu, instabet blokka (suspettata *cannabis*).[1] Mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar it-13 ta' Settembru 2017, wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, u illi jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, liema drittijiet huwa għażel li ma jeżerċitax, b'referenza għall-blokka misjuba fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi din hija *smoke* u kkonferma li tiżen 43.85 grammi.[2]

Jirriżulta għalhekk mill-atti proċesswali illi dak li nstab fil-pussess tal-imputat fil-jum, fil-ħin u fil-post li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, kien jikkonsisti f'raża tal-*cannabis* u mhux pjanta tal-*cannabis*, fit-termini għalhekk tal-ewwel u mhux tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat. Mill-atti la jirriżulta illi fil-pussess tal-imputat instabet il-pjanta tal-*cannabis* u lanqas illi huwa għamel użu minnha fil-parametri ta' jum, ħin u post li għalihom tirreferi din it-tieni imputazzjoni.

Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tiegħu rigward l-istess, l-imputat mhux qed jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni.

Permezz tal-ħames imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, saq vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji għal terzi persuni, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont l-Artikolu 3(3) tal-istess Kap. 104:

> "Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –
>
> (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew
> (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skont liema żmien minnhom ikun l-itwal."

[1] Ara a fol. 22 sa 25 tal-proċess.
[2] Ara din l-istqarrija a fol. 6 u 7 tal-proċess.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi minkejja li ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Frar 2018, l-imputat ġie notifikat għall-ewwel darba bil-proċeduri odjerni fit-28 ta' Marzu 2018 u għalhekk iżjed minn sitt xhur wara d-data li fiha seħħ ir-reat odjern. In oltre la darba r-reat seħħ fil-11 ta' Settembru 2017 u mill-atti huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni kienet taf li seħħ dakinhar stess, l-azzjoni dwar l-istess reat tfalli wkoll fit-termini tal-paragrafu (b) tas-sub-artikolu appena ċitat, in kwantu skorrew it-tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni saret taf bir-reat.

Għaldaqstant fit-termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104, l-azzjoni in kwantu r-reat ikkontemplat fil-ħames imputazzjoni hija preskritta u l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-istess reat.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri, il-fedina penali tiegħu fiż-żmien tal-każ odjern li kienet waħda netta, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ. Tqis in oltre mill-banda l-oħra, l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll illi jkun għaqli illi l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation.*

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Douglas Sammut** mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, tiddikjara l-azzjoni preskritta in kwantu l-ħames imputazzjoni u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess u, fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni, liema Ordni għandu jiffirma parti integrali minn din is-sentenza.

Tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien xahar mil-lum.

Stante li ma nħatrux esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza in kwistjoni Dokument EM, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi

proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat